A.L. 227 ta' l-2005

ORDINANZA DWAR ID-DFIN
(KAP. 17)

Ordni ta' l-2005 għall-prezzijiet Pagabbli għall-Akkwist ta' Oqbra u Siti ta' Oqbra

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar id-Dfin, il-Ministru tas-Saħħa , l-Anzjani u Kura fil-Komunità, bi ftehim mal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għamel dan l-ordni li ġej:

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2005 għall-Prezzijiet Pagabbli għall-Akkwist ta' Oqbra u Siti ta' Oqbra.

Prezz għal qabar fiċ-Ċimiterju ta' Burmarrad.

2. Il-prezz li għandu jitħallas għall-akkwist ta' qabar, inkluż is-sit, fiċ-ċimiterju ta' Burmarrad għandu jkun ta' Lm1,000.